## NIBŻGHU GHALL-ĦAMRIJA TAGĦNA

(*C. Said, Uff. Distr.*)

HAGA li jafha kulħadd hija dik illi l-għana ġenerali ta' pajjiż l-iktar li tiġi mill-ħamrija. Hija l-ħamrija illi b'mod indirett titma l-bniedem u l-annimali u tipprovdi bl-irkaptu lil bosta industrji.

Il-ħamrija tipprovdi l-ikel tal-bniedem taħt bosta għamliet u hija l-bidu li għandu x'jaqsam mal-ħajja ta' kull ħolqien u tal-ħolqien kollha ta' l-art. L-art tmantni l-fqir u tipprovdi bil-ġid lill-għani.

Ftit huma dawk il-ħwejjeġ li m'għandhom ebda rabta ma' l-art. Il-ħlejjaq għandhom jiddependu fuq dak li tipproduċi l-art bl-istess mod bħalma l-annimali kollha jfittxu l-għexien tagħhom fost dak li tnissel l-art; fil-waqt li l-industrji prinċipali u l-fattoriji l-iktar li jitħaddmu b'dak li jittieħed mill-art.

F'kull pajjiż xejn ma hemm egħżeż mill-fertilità u abbundanza ta' l-art. Bħala regula ġenerali aktar ma l-pajjiż ikun nieqes mill-ħamrija, iktar tonqos l-għana tiegħu. Għalhekk, huwa dmir ta' kull nazzjon li jieħu ħsieb il-ħamrija ta' pajjiżu. Aħna jmissna nibzgħu għal kull biċċa roqgħa ħamrija li tinsab fil-wiċċ tal-blat tar-raba' tagħna, inżommuha u naħdmuha kollha kemm hi. Aħna ixxurtjati biżżejjed li għandna klima tajba u xemx biżżejjed li jipprovdu s-sħana meħtieġa lill-ħamrija tagħna u b'hekk iġagħluha tnissel u tagħti għelejjel bil-kotra iktar minn dik ta' pajjiżi oħra.

Il-bdiewa tagħna setgħu jipprofittaw ruħhom minn din ix-xorti kbira u tgħallmu minn ġenerazzjoni għall-oħra kif jikkultivaw l-art tagħhom u jinqdew biha mill-aħjar li jistgħu biex jiġbru minnha prodotti kemm jistgħu; iżda, imħabba li l-popolazzjoni kibret, il-kobor ta' l-art għammiela kellu jiċkien mhux ftit sabiex jagħti l-wisq u fuqha jinbnew djar fejn ikunu jistgħu jgħammru n-nies.

Din, m'għandna x'ingħidu xejn, kienet ir-raġuni li għaliha l-Gvern għall-bidu ta' l-1935, kien ħareġ Liġi, sabiex tintrafa' l-ħamrija tajba, liġi li tipprojbixxi illi l-ħamrija tajba tindifen għal dejjem taħt il-bini l-ġdid, triqat, eċċ. Minn mindu ilha sseħħ din il-liġi bosta artijiet li qabel kienu blat u artijiet ħawlija tgħattew bil-ħamrija u tbiddlu f'raba', li jinħadem u b'hekk dawn l-artijiet mòxa li issa tbiddlu f'raba' għammiel setgħu jieħdu sehem fil-produzzjoni u risq tal-pajjiż tagħna. Wieħed mill-aqwa eżempji ta' artijiet bħal dawn hija dik l-art li tagħmel sehem mill-aħjar bċejjeċ ta 'raba' li hemm magħqudin mal-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri.

Għalkemm aħna ixxortjati biżżejjed li l-art tagħna ma tbatix b'ħafna ħela ta' ħamrija taħt il-għamla hekk imsejħa ta' "Tekil ta' Ħamrija" bħal ma dlonk jiġri f'bosta pajjiżi tad-dinja, din il-gwerra li ikkaġunat ħafna bżonnijiet taċ-ċirkustanza u ħafna xogħlijiet ta' urġenza b'risq ħażin ħatfet minn taħt idejn il-bidwi ħafna raba' mħabba li fih saru ajrudromi, kwartieri militari, deposti ta' merkanzija u ħażniet oħra ta' oġġetti militari u kampijiet, eċċ. Dan in-nuqqas ta' raba' nħass ħafna f'Mata fejn il-kampanja hija ċkejkna ħafna meta tqabbilha ma' dik ta' pajjiżi oħra, u fejn mezzi oħra għax-xogħol tar-raba' huma ftit.

Huwa dmir tal-Gvern tagħna li jara kif jagħmel u jfittex it-tarf ta' din il-kwistjon hekk serja illi jkollna nħabbtu wiċċna magħha malli tispiċċa l-gwerra. Għandu jinsab kull mezz sabiex jarġgħu jingħataw f'idejn il-bidwi dawk l-egħlieqi li kienu ttieħdu għal skopijiet militari jew għal ħaġ'oħra. Dawk l-egħlieqi għandhom minnufih jirranġaw ruħhom u jinħadmu.

Kull ħsara li setgħet saret mill-għadu fil-kampanja għandha tissewwa mingħajr dewmien. Biex naqtgħu fil-qasir, wieħed għandu jagħti rkaptu sabiex tikber il-kultivazzjoni u l-art b'ħamrija għammiela. Ta' min ifakkar lil dawk kollha li biħsiebhom jibnu u jġagħlahom jifhmu sew wa l-ħtieġa li jobdu r-Regolamenti tal-Liġi sabiex tintrafa' l-ħamrija tajba, wara l-qirda kbira li saret tal-bini tagħna mill-għadu. Huwa wisq meħtieġ li aħna b'kull mezz li nistgħu, nerfgħu l-ħamrija tagħna, dik il-amrija li tipprovdina bil-għexien tagħna.

*Korrispondenza*

## IL-BIEDJA WARA L-GWERRA

Ix-Xagħra.

Sur Editur,

L-aktar prodotti li konna nesportaw qabel il-gwerra kienu l-patata, il-basal u l-kemmun. Wara li spiċċat il-gwerra l-oħra, il-biċċa l-kbira tal-patata u l-basal tagħna kienu jinbagħtu lejn l-Ewropa Ċentrali, iżda wara li telgħu fil-ħakma, l-ewwel Mussolini u mbagħad Hitler, minħabba r-restrizzjonijiet li kienu għamlu fuq il-kummerċ, is-swieq ta' l-Ewropa Ċentrali spiċċaw għalkollox u l-prodotti lokali bdew jinbagħtu l-aktar lejn l-Olanda.

Gie żmien li l-importaturi Olandiżi kienu intebħu li ma kienx baqagħlna ħlief is-suq tagħhom u bdew jagħmlu li jridu u jieħdu l-prodotti tagħna bil-prezzijiet li l-aktar kien jogħġobhom. Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importaturi Olandiżi għaqqdu "pool" u bdew joffru prezz wieħed, baxx kemm jista' jkun, fil-ħin li l-esportaturi u x-xerrejja lokali, f'taqbida bejniethom biex jaħdmu, kienu jraħħsu l-prodotti wieħed fuq l-ieħor sakemm lill-bidwi kienu waslu sabiex jagħtuh prezz wisq anqas milli kien jiswielu l-frott.

Malli nqalgħet il-gwerra ċivili Spanjola, lill-biedja Maltija nfetħilha s-suq Ingliż. Dan kien ta' serħan kbir għall-bidwi Malti u l-prezzijiet tjiebu ħafna. Iżda l-Ingliżi huma partikulari aktar minn ħaddieħor dwar l-għażla, il-varjetà u d-dugħ tal-prodotti. Għalkemm bdiet sejra tagħbija wara l-oħra ma naqsux it-tgergir u s-suġġerimenti biex qabel l-esportazzjoni ssir reqqa akbar u kontroll aħjar f'dik li hi kwalità u ippakkjar.

L-importaturi Ingliżi kitbu kemm-il darba li jekk dawn l-affarijiet ma jiġux irranġati sejjer ikollhom jew ma jimpurtawx aktar jew ifittxu swieq oħra.

Minbarra t-tgergir fuq il-prodotti s-suq Ingliż kellu svantaġġ ieħor li huwa wisq aktar kbir u ta' periklu minn dak ta' l-ippakkjar. Fl-Ingilterra hemm liġi li jekk il-patata tkun marida bis-susa t-tagħbija kollha jeħtieġ tiġi meqruda bin-nar, jew mibgħuta lura mill-pajjiż fi żmien qasir. Dwar din il-ħaġa nittamaw li nkunu nistgħu nitkellmu f'artiklu ieħor u nagħmlu suġġerimenti kif tista' tingħeleb din il-marda, iżda sadattant wieħed jista' jaħseb mn'issa sabiex il-ħwejjeġ li wieħed jista' jirranġa jagħmilhom mill-aktar fis, għaliex sew l-ippakkjar, kemm il-varjetà u kemm id-dugħ huma ħwejjeġ ħfief li wieħed jagħmilhom u b'hekk inkunu għelibna l-ewwel tfixkil biex malli tispiċċa l-gwerra nkunu nistgħu nirbħu mill-ġdid is-suq Ingliż li huwa wieħed mill-aħjar li jista' jkollna u jkun ta' l-akbar fejda għall-bidwi u l-biedja wara li tintemm il-gwerra.

Meta jiġu organizzati dawn l-affarijiet, il-proġetti l-oħra li qed isiru dwar il-biedja jkunu jistgħu jaħdmu wisq aħjar. L-esportazzjoni hija l-qofol tal-biedja tagħna. Ħalli mela naħsbu fejn sejrin inqiegħdu dak li se'r inżidu.

J. ORLANDO SMITH.

---

Bħalma qal is-Sur Orlando Smith qabel naslu għall-proġetti kbar jinħtieġ nirranġaw is-swieq tagħna dwar għażla, dugħ u mili tal-prodotti. Meta tinfetaħ l-esportazzjoni, imbagħad għandna nkunu lesti biex naħtfu l-iżjed suq li jaqbel. — NOTA TA' L-EDITUR.

---:x:---

## FNIEK TAR-RAZZA MILL-INGILTERRA

Id-Dipartiment tal-Biedja ġieb mill-Ingilterra 6 fniek irġiel tar-razza pura "Flemish Giant" għat-tagħmir. Dawn il-fniek huma l-mudell perfett tar-razza u kull min jixtieq jarahom jista' jmur fil-Qasam tal-Għammieri kull nhar ta' xogħol bejn id-9 ta' fil-għodu u s-2 ta' wara nofs in-nhar u jitlob biex jarahom lis-Sur Viċenz Rizzo jew lis-Sur J. Cesareo. Dawn il-fniek sa jservu biex minnhom jitgħammru l-fenkiet tal-Gvern, iżda dawk li kienu jippreżentaw il-fniek tagħhom fil-Wirja li kienet saret fil-Għammieri f'Ottubru li għadda jkollhom permess speċjali biex minnhom ikunu jistgħu jgħammru wkoll il-fenkiet tagħhom.

## AVVIŻI

**KONKORS TAL-ĠONNA.** — Dan l-istaġun sa jsir konkors tal-Ġonna Privati u tas-Servizz. L-eżami tal-ġonna jsir fl-aħħar ta' Marzu u jingħataw premijiet ta' tazzi u flus għall-aħjar ġonna tal-ħaxix li jinkitbu f'dan il-konkors. Id-dettalji kollha dwar id-diversi klassijiet u metodi ta' għoti ta' marki flimkien mal-formuli għall-kitba tal-konkors jistgħu jittieħdu mill-Qasam tal-Għammieri, mill-Ħanut tal-Bejgħ taż-Żrieragħ, fi Trieq ir-Rjali, Nru. 166, il-Ħamrun u mill-Posta Nru. 132, tal-Bejgħ taż-Żrieragħ u Xtieli, is-Suq tal-Belt.

**ŻERRIEGĦA U XTIELI TAL-ĦAXIX.** — Bħalissa hemm għall-bejgħ ħażna kbira ta' żerriegħa tal-ħaxix, fost dawn tal-ful u tal-piżelli li jistgħu jittieħdu minn bosta postijiet tad-Dipartiment tal-Biedja, fosthom il-Qasam tal-Gvern, il-Għammieri, il-Ħanut taż-Żrieragħ u Xtieli, Nru. 166, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun, il-Posta Nru. 132 tal-Prodotti tal-Biedja, is-Suq tal-Belt, l-Uffiċċijiet Distrettwali tal-Biedja taż-Żejtun, tal-Mosta, ta' San Pawl il-Baħar, ta' Birkirkara, tas-Siġġiewi, taż-Żurrieq u l-postijiet kollha tal-Fniek tar-Razza li mhumiex servuti fl-Uffiċċijiet Distrettwali tal-Biedja. Ix-xtieli u l-demel artifiċjali jistgħu jittieħdu dritt mill-Għammieri, jew jistgħu jiġu ordnati fil-Posta Nru. 132 tas-Suq tal-Belt, jew mill-Ħanut Nru. 166, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun.

**SELF TA' INKUBATURI MILL-QASAM TAL-GĦAMMIERI.** — Id-Dipartiment tal-Biedja għall-aħħar tar-Rebbiegħa jista' jislef, bla ħlas, numru ta' inkubaturi lil nies li jrabbu t-tjur. Id-Dipartiment tal-Biedja jittama li jkun jista' jipprovdi bajd tat-tifqis flimkien ma' inkubatur bil-prezz iffissat meta jinslef l-inkubatur. Min irid jissellef inkubatur jista' jinkiteb fil-Qasam tal-Għammieri u fil-Ħanut il-Ġdid taż-Żrieragħ u Xtieli, Nru. 166, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun.

**BEJGĦ TA' SRIEDAK FIL-QASAM TAL-GĦAMMIERI.** — Fil-Qasam tal-Għammieri u fil-Ħanut taż-Żrieragħ u Xtieli, Nru. 166, Trieq ir-Rjali, il-Ħamrun, jista' min irid, jinkiteb biex jixtri Sriedak żgħar tar-razza pura "Minorca" Maltija li sa jinbiegħu fil-Qasam tal-Għammieri, minn Jannar li ġej bil-prezz ta' 10s. il-wieħed.

Is-sriedak jinbiegħu meta jkollhom 4 xhur żmien u kull xerrej ikollu jiffirma dikjarazzjoni illi huwa jobbliga ruħu li jżomm is-sriedak għan-nisel għal żmien ta' 12-il-xahar mid-data tax-xiri, u jekk jonqos jeħel il-piena ta' £5.

Jekk imutu jew jimirdu għandhom jittieħdu biex ikunu eżaminati fil-Qasam tal-Għammieri jew fl-eqreb Stazzjon tal-Pulizija.

**KUNSINNA TA' PATATA TAX-XITWA.** — Dik il-patata tax-xitwa li waslet biex tinqala' ma tistax tidħol fl-Imħażen tal-Gvern malli tinqala'. Wara li tinqala', il-bdiewa għandhom jaħżnuha għal ġimgħa jew ġimagħtejn, iħalluha tinxef, u mbagħad inaddfuha mill-ħamrija u minn irmixk ieħor.

**PATATA TAR-REBBIEGĦA.** — Il-bdiewa huma mitlubin li jmorru jinkitbu u jgħidu x'raba' għandhom lest jew x'raba' biħsiebhom ilestu għall-patata tar-rebbiegħa. Il-kitba ssir sad-19 ta' dan ix-xahar fl-Uffiċċju tal-Biedja tad-Distrett tagħhom u fil-Għases tal-Pulizija skond kif kien hemm imsemmi f'avviż li ħareġ u xxandar fis-7 ta' dax-xahar u l-Ħadd li għadda minn fuq ir-Radju. Il-bdiewa ta' Ħal Qormi u l-Marsa jistgħu jinkitbu fil-Qasam tal-Għammieri. Ebda bidwi ma jkun jista' jinkiteb kemm-il-darba ma jurix il-Biljett tiegħu tar-Raba'.

**LISTA ĠDIDA TA' GNIEDES TAR-REFGĦA.** — Din hija l-lista ġdida ta' Gniedes tar-Refgħa li huma bil-liċenza:

*MALTA*

Joseph Mifsud, "Il-Plenty", Sqaq il-Fatati, Ħamrun; Karlu Bonavia, "In-Naxxari", 6, Misraħ Brittanja, Tarxien; Francis Micallef, "Taċ-Ċanti", Razzett id-Dar, Trieq Ħad-Dingli, Rabat; Joseph Vassallo, "Ta' Żbibu", 1, Trieq San Kataldu, Rabat; Manwel Mangion, "Mintoff's Dairy", Pietà (bil-liċenza għall-użu privat biss); Anthony Mifsud, "Tal-Patri", 23, Trieq il-Ħerba, Żejtun.

Carmel Grima, "Tal-Kutu", 37, Il-Misraħ, Żejtun; Carmel Pulis, "Ta' Sawwarni", Razzett, Trieq iż-Żonqor, Wied il-Għajn; John Bonavia, "Ta' Xewka", 88, Trieq Bir ir-Riebu, Rabat; Gerolamo Calleja, "Tan-Nejfa", Binġemma; George Cortis, "Ta' Garibaldi", Razzett, San Alexju, Mtarfa; Victor Chappelle, Villino Chappelle, San Pawl il-Baħar.

Alfred Trigona, Kerry Dairy, Trieq il-Mosta, Lija (bil-liċenza għall-użu privat biss); Carmel Debono, St. Patrick's Dairy, 4, Misraħ Lewża, B'Kara; Qasam tal-Gvern Għammieri, Marsa; John Coleiro, "Ta' Cini" Trieq il-Belt, Qormi; Joseph Zahra, "Tal-Baqar", 93, Trieq Atoċja, Ħamrun; Carmelo Calleja, "Il-Maxen" Razzett, tas-Saliba, Rabat; Francis Aquilina, "Ta' Biċċa", 48, Misraħ S. Nikola, Siġġiewi.

*GĦAWDEX*

Wiġi Cassar, "Ta' Borg", Qasam S. Ġorġ, Kerċem; Alex. Haber, "Ta' Gorgun", Razzett Ħamrija, Xewkija; Joseph Grima, "Tal-Maġun", 111, Trieq Xandriku, Nadur; Vinc. DeBrincat, "Ta' Erbatax", 15, Trieq Klula, Kerċem; Rużar Hili, "Ta' Tjatrott", Trieq Ġorf, Xagħra. Ġamri Gatt, "Tal-Kerewn" Razzett ta' Ħamet, ir-Rabat; Anthony Attard, "Tal-Liepru", Razzett ta' Ħamet, Rabat; Wiġi Mercieca, "Tal-Pissu", 43, Trieq Berbuba, Għarb; Joseph Sultana, "Ta' Ruman", Trieq Buskett, Nadur.

Infakkru lil dawk li jrabbu l-frat illi l-ogħla ħlas għat-tagħmir minn gniedes tar-refgħa huwa 10s. Ebda dritt ma jitħallas għat-tagħmir minn gniedes tar-refgħa tal-Gvern li hemm fil-Qasam ta' l-Għammieri, u mill-gendus tal-Gvern li qiegħed għand Wiġi Cassar, "Ta' Borġ", Għawdex.

**ĦAXIX GĦAR-RESTAURANTS.** — Kull min hu bir-*Restaurant* ikun jista', ma' l-ikel, iservi kull xorta ta' ħaxix barra minn patata. Il-proprjetarji tar-*Restaurants* jistgħu jieħdu l-ħaxix jew mill-Imħażen tal-Gvern tat-Tqassim tal-Ħaxix jew minn għand kull bejjiegħ tal-ħaxix *bil-liċenza*. Ix-xiri u l-kunsinna tal-ħaxix isiru bejn il-ħinijiet ta' tlugħ u nżul ix-xemx.

**QATT KONT TAF? . . .**

**Il-Kaboċċi u l-Pastard għandhom proprjetajiet mediċinali. Huma jipprufikaw id-demm, fihom ħafna Vitamin C., huma ftit purganti, u għandhom azzjoni indiretta fuq il-fwied.**

**MELA ŻOMM RUĦEK F'SAĦĦTEK**

**KUL IŻJED KABOĊĊI U PASTARD.**

## EFFETT TAT-TEMPERATURA FIT-TINBIT TAŻ-ŻERRIEGĦA

(*Jissokta mill-faċċata* 3)

imbagħad irġajna ippruvajna kampjun ieħor, bi żmien, bejn kampjun u ieħor, ta' ġimagħtejn, tlieta u erba' ġimgħat, iżda bqajna fejn konna. Fl-aħħar ippruvajna fir-refriġeratorju 100 żerriegħa u l-prova irnexxiet. Fi żmien 4 ijiem iż-żerriegħa nebbtet 75 fil-mija. Barra minn dan l-esperiment, qegħedna dixx bi ftit żerriegħa tal-kaboċċi u ta' ħass imgħaddsin fi kwart ta' pulzier ilma fir-refriġeratorju u meta dawn nebbtu, ħriġniehom, xerridniehom f'ħammiela, u għattejniehom ħafif ħafif b'saff trab fin. Mhux ix-"xtieli" kollha baqgħu ħajjin, iżda dawk li baqgħu ħajjin issa qegħdin jissaħħu u għoddhom waslu għal qligħ.

Wara għamilna 'l hawn u 'l hinn xi provi oħra, u sibna illi ż-żerriegħa tal-ħass ġdid ta' l-istaġun naturalment ma nebbtitx qabel ma niżlet it-temperatura ta' barra madwar 70°F, u dan ġara din is-sena għall-ħabta ta' nofs Ottubru.

Iktarx li wieħed jista' jinteressa ruħu li jkun jaf illi ż-żerriegħa tal-ħass miġjuba minn barra ta' sena żmien li tkun għaddiet xitwa fuqha soltu tnebbet sabiħ għalkemm it-temperatura bejn wieħed u ieħor tkun il fuq minn 80°F. Żerriegħa tal-krafes li tkun għadha kif inġabret, tnebbet biss meta żżommha taħt temperatura baxxa.